Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-14 ta' Dicembru 2023**

**Kump. Nru. 580/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Versus**

**Paul Mamo**
**(138552M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Paul Mamo**, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 138552M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-1 ta' Novembru 2016 u fil-gimghat u fix-xhur ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Bil-hsieb li jezorci flus jew xi haga ohra, jew li jaghmel xi qligh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra tesegwixxi, tiddistruggi, tqalleb, jew tbiddel testament jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u dan ghad-detriment ta' Maria Dolores Camilleri (Id: 150155M), meta b'dan it-theddid Paul Mamo wasal fil-hsieb tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data , lok, hin u cirkostanzi, bl-intenzjoni li jikkawza dwejjaq, hsara emozzjonali jew hsara ta' kull xorta, zvela xi ritratt sesswali privat minghajr il-kunsens tal-persuna murija jew irraprezentata, u cioe' Maria Dolores

Camilleri (Id: 150155M), f'dak ir-ritratt meta dan sar bhala mezz jew fil-kuntest ta' rikatt;

3. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat u ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, uza xi network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici fornut minn impriza ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih, jew ittraskura milli josserva l-istruzzjonijiet li jkunu mahruga minn impriza ghall-uzu kif imiss tan-network jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettronici jew inkella uzah b'mod mhux kif imiss;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Maria Dolores Camilleri, u minn issa tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Dolores Camilleri ai termini tal-Artikolu 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz ta' digriet datat 16 ta' Lulju 2018 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat l-Artikoli pprezentati mill-Avukat Generali fid-19 ta' Dicembru 2018, (esebiti *a fol*. 362 ta' l-atti processwali)

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-12 t' Ottubru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 208E(1)(3) u 250(1)(2) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Artikolu 48(d) u 49 (a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Paul Mamo hati** ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sentejn (2) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttu1r tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha, **kif ukoll ghal hlas ta' multa ghas-somma t'elf Euro (€ 1,000).**

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati **Paul Mamo** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-

Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Paul Mamo. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Paul Mamo b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **sentejn (2)** millum ghall-**protezzjoni ta' Maria Dolores Camilleri**. Il-Qorti fissret lil hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Maria Dolores Camilleri ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil hati **Paul Mamo** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Maria Dolores Camilleri.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **sentejn (2)** millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**